# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 342/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mark Mercieca)**

**vs**

**Colin Galea**

Seduta tal-4 ta' Marzu, 2019.

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Colin Galea, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 187991M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1) Fl-4 ta' Mejju, 2017 u anke matul il-ġranet ta' qabel ikkommetta serq minn ġewwa No 65 Triq Innoċenz Zammit, Msida, għad-detriment ta' Marvic Micallef liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' anqas minn €2329,37, bil-persuna u bil-ħin

2) Fil-5 ta’ Mejju, 2017, f’xi ħin filgħodu ikkommetta serq minn ġewwa garage No 65 Triq Innocenz Zammit, Msida, għad-detriment ta’ Marvic Micallef liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur ta’ anqas minn €2329,37 bil-persuna u bil-ħin;

3) Fil-5 ta’ Mejju, 2017, f’xi ħin wara nofsinhar għall-ħabta tat-3:00pm f’dawn il-Gzejjer b’mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b’oħra sabiex igiegħel titwemmen l-ezistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza’ dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta’ ħaddieħor u dan għad-dannu ta’ Marvic Micallef u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra.

4) Sar reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi mogħtija lilu nhar, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

5) Matul ix-xahar ta’ Mejju 2017 naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali u cioe’ mill-Maġistrat Dr. M. Vella LL.D., mid-digriet datat 16 ta’ Awwissu 2016, u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix reat ieħor u li jiffirma ġewwa l-għassa tal-Imsida kull nhar ta’ Tnejn, Erbgħa u Sibt kif ukoll li jirrisjedi ġewwa l-fond, Casa Isabelle, Triq Dijonisju Famucelli, Msida u jkun ġewwa bejn 00:00hrs sas-06:00hrs.

Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija, l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija nhar is-16 ta’ Awwissu, 2016, għandu jkun kkonfiskat favur il-Gvern ta’ Malta ai termini tal-artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-18 ta' Lulju, 2017 li biha filwaqt li ma sabitx ħtija fl-appellant rigward **it-tielet** imputazzjoni u illiberatu minnha, sabet lill-imputat Colin Galea ħati **tal-ewwel**, **it-tieni** u **r-raba' u l-ħames** bl-eskluzzjoni tal-aggravju tal-persuna u l-hin kwantu l-ewwel imputazzjoni u l-aggravju tal-persuna fit-tieni imputazzjoni, u kkundannatu għal tlieta u għoxrin (23) xahar priġunerija;

Inoltre, ai termini tal-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali ordnat li s-somma totali ta' €5,000 mogħtija bħala garanzija hekk kif ordnat bid-digriet tas-16 t'Awwissu 2016, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Onor. Maġistrat Dr. Monica Vella, tkun konfiskata favur il-Gvern ta' Malta;

Kif ukoll fit-termini tal-Artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta saret ordni ta' trazzin fil-konfront tal-imputat għal żmien tliet snin b'dan li ma għandux javviċina l-parte leża u l-familjari tiegħu. Finalment a tenur tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qieghdet lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tliet snin sabiex jingħata l-għajnuna kollha meħtieġa sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga, inkluż li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni waqt li jiskonta l-piena mogħtija lilu.;

Rat ir-rikors tal-appellant Colin Galea, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Lulju, 2017, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti kwantu għal piena u dan billi tagħti piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. Dan l-appell huwa dwar il-piena kominata mill-ewwel Qorti bl-appellant jappella ghas-segwenti ragunijiet: "i) Ma nghatatx id-debita konsiderazzjoni ghal fatt li l-appellant ilu ghal diversi snin ibaghti mill-vizzju tad-droga; ii) Ma nghatatx id-debita konsiderazzjoni li l-appellanti qieghed jammetti li ghandu din il-problema u jixtieq li jinghata l-ghajnuna sabiex johrog minn dan il-vizzju; iii) Ma nghatatx id-debita konsiderazzjoni tal-ammissjoni bikrija tal-appellanti; iv) ma nghatatx id-debita konsiderazzjoni tal-fatt li l-appellanti ghal xi zmien spicca minghajr saqaf fuq rasu u kien qieghed jorqod gewwa l-karozza tieghu;

**Preliminari:**

2. Qabel kull konsiderazzjoni ohra jokkorri li jkun deciz punt procedurali sollevat mill-Avukat Ġenerali meta eccepixxa n-nullita' tal-appell stante li ma jinkludix il-fatti fil-qosor. L-artikolu 419(a) tal-Kodici Kriminali fi zmien meta gie intavolat dan l-appell kien jitlob, fuq piena ta' nullita', li r-rikors tal-appell ikun jinkludi il-fatti fil-qosor. Illum il-gurnata, bl-Att I tal-2018, ghalkemm ghad hemm tali rekwizit, dan mghadux hekk fuq piena ta' nullita'. Issa, qua emendi procedurali, dan jista' jitqies bhala *ius superveniens* u ghalhekk applikabbli minnufih. Tibqa' il-kwistjoni, izda, li dan l-artikolu xorta wahda jirrikjedi li r-rikors ikun fih il-fatti fil-qosor;

3. Dwar dan, izda, tajjeb li jinzamm fil-mira illi dan huwa appell dwar il-piena u din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija vs Julian Calleja [App Krim 259/12G – 5.10.12] fejn kien deciz illi ommissjoni tar-rekwizit tal-inkluzzjoni tal-fatti meta si tratta ta' appell fuq il-piena ma jgibx il-konsegwenza tan-nullita' tieghu. Din il-Qorti ma inghatat ebda raguni gdida ghaliex ghandha terga tindirizza dan l-aspett procedurali u ma tarax ghaliex mghandiex tapplika dan l-insenjament ghall-kwistjoni sollevata mill-Avukat Generali. Ghalhekk qed tichad l-eccezzjoni ta' nullita';

**Mertu:**

4. Il-Qorti fliet bir-reqqa s-sentenza appellata li hija wahda studjata u konsiderata tant illi minn analizi tal-ligi dwar id-differenza bejn r-reat ta' truffa u frodi innominata kif ukoll gurisprudenza in rigward, l-ewwel Qorti deherilha li t-tielet imputazzjoni ma kienitx tirrizulta. Helset ukoll lill-imputat mill-aggravji tal-persuna fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet u mill-aggravju tal-ħin fl-ewwel imputazzjoni wara analizi minizjuza tal-provi. Dan qed jinghad ghaliex din il-Qorti jidrilha li l-appellant ghamel kritika ingusta tal-operat tal-ewwel Qorti meta jirrizulta proprju il-kuntrarju;

5. L-ewwel Qorti estendiet il-konsiderazzjonijiet taghha ukoll dwar il-qaghda tal-imputat u l-piena l-aktar idonea ghac-cirkostanzi partikolari tieghu u ghalhekk anke hawn, il-kritika tal-appellant hija wahda ingusta: "*Il-Qorti tal-Maġistrati nnotat ukoll li 'jirriżulta b'mod ċar li ngħata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruħu, liema opportunitajiet għażel li jarmi u minflok ikompli bil-ħajja refrattarja tiegħu. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li l-unika piena idonea hija dik ta' karċerazzjoni effettiva. Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkużat bihom l-imputat, il-fedina penali inkwetanti tiegħu*

*u taċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-każ fejn jirriżulta li l-imputat qed ikun sprunat jikkometti reati sabiex jiffinanzja l-vizzju tad-droga li qed jitlob l-għajnuna sabiex jinħeles minnu.'* Innotat ukoll illi l-imputat ipprova jħallas xi ħaġa lura għalkemm dan ma setax ikun stabbilit b'mod eżatt u frankament meta din il-Qorti qrat id-deposizzjoni tal-imputat u tal-parte civile ma setghetx tifhem jekk kienx sar xi restituzzjoni jew le ghaliex meta tghaddi vettura bhala kumpens jehtieg li jsir trasferiment taghha skond il-ligi meta din qieghda biss fil-pussess tal-parte civile bil-hsieb li jbieghha ghar-rikavat u li izda hadd ma ta valur taghha u fl-istess waqt il-parte civile jghid li ircieva mitejn euro kumpens;

6. L-ewwel Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni il-problema ta' droga li biha hu aflitt l-imputat u li minn qari tal-atti jirrizulta li l-imputat jaghmel zmien tajjeb u meta jfettillu jerga jaqa' ghall-vizzju tieghu. Il-Qorti laqghet ghal dan billi ddikjarat illi jkun opportun li jircievi kura waqt li jkun fil-konfini tal-karcerazzjoni;

7. Kwantu l-ilment li l-Qorti ma semmietx l-ammissjoni bikrija, ghandu jinghad *in primis* illi din ma kienet ammissjoni bikrija xejn ghaliex l-appellant ghamel speci ta' ammissjoni waqt id-deposizzjoni tieghu wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha u wara diversi seduti. Inoltre, tajjeb li jkun mfakkar li ammissjoni ma tfissirx riduzzjoni awtomatika fil-piena u meta imputat jammetti jkun ghamel hekk bil-konsapevolezza li l-Qorti mhix obligata tkun klementi mieghu ghal daqshekk. Ventilat dan, jokkorri jinghad ukoll illi minkejja l-ammissjoni tieghu, l-ewwel Qorti xorta wahda lliberatu mit-tielet imputazzjoni u mill-aggravji fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni ghaliex fl-ghaqal taghha ezaminat il-provi cio nonostante u kkunsidrat illi dik l-ammissjoni mhix wahda valida, fejn applikabbli, fi hdan il-provi mressqa;

8. Jinghad in rigward ukoll illi din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata sakemm ma

jkun hemm xejn x'jiddimostra li din kellha tkun anqas jew aktar minn dik fil-fatt kominata. It-tieni imputazzjoni minghajr l-aggravju tal-persuna hija soggetta ghal-piena ta' prigunerija minn hames xhur sa tlett snin skond l-art 278 (3) mizjud bi grad u ma tistax tinghata fil-minimu taghha. Bl-artikolu 20 u 31 tal-Kodici Kriminali, dan jissarraf fi prigunerija minima ta' tlettax-il xahar u l-imputat instab hati ukoll tal-addebitu tar-recidiva fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. Kundanna ta' 23 xahar prigunerija ghalhekk hija sew fil-parametri tal-ligi.

9. L-appellant jargumenta ukoll illi l-ewwel Qorti ma kkonsidratx il-fatt illi għamel żmien jgħix mingħajr saqaf fuq rasu. Bid-dovut rigward jekk dan huwa hekk certament li ma kienx dovut ghall-ewwel Qorti izda ghar-ragunijiet li jaf hu u li jaf ben tajjeb. L-appellant donnu qed jiprova jinvoka xi artikolu tal-ligi li jobbliga lill-Qorti tiehu konjizzjoni ta' fatti li ghandhom b'xi mod iqanqlu riduzzjoni fil-piena. Huwa bil-wisq evidenti li l-ewwel Qorti hadet in konisderazzjoni diversi hwejjeg biex waslet ghal piena minnha kominata u għalhekk din il-parti tal-aggravju qed tkun miċħuda;

10. Din il-Qorti issa trid tikkonsidra id-dikjarazzjoni li ghamlu il-parte civile u omm l-appellant wara li l-istess appellant talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Il-parte civile iddikjara illi regghet kienet stabbilita certu armonija bejnu u l-appellant tant illi issa qieghed jahfirlu ta' eghmilu u l-istess iddikjarat omm l-appellant. Din il-Qorti, filwaqt illi tawgura li tibqa' titkattar relazzjoni tajba bejn l-appellant, ommu u l-parti civile, jehtieg li tikkunsidra dan il-kambjament mill-ottika ta' dak li gara sa issa f'dan il-process, jigifieri fejn l-appellant inghata diversi opportunitajiet, anke minn ommu sabiex jibdel il-folja. Jehtieg ukoll li tikkonsidra b'kawtela id-dikjarazzjoni ta' omm l-appellant u l-parte civile fl-ahhar nifs ta' dawn il-proceduri;

11. Ghalhekk din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appella billi tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fit-18 ta'

Lulju 2017 billi tikkonfermaha fil-partijiet fejn sabet lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni, tar-raba', u tal-ħames imputazzjoni u fejn illiberatu mit-tielet imputazzjoni, tikkonfermaha fejn ai termini tal-artikolu 579(2) tal-Kap 9, ordnat li s-somma  totali ta' 5000 Ewro mogħtija bħala garanzija hekk kif ordnat bid-digriet tas-16 t'Awwissu 2016, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Onor.Maġistrat Dr Monica Vella, tkun konfiskata favur il-Gvern ta' Malta, u fejn poġġiet lill-imputat taħt Ordni tat-Trattament għal żmien tliet (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna kollha meħtieġa ħalli jegħleb il-vizzju tad-droga, inkluż li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni waqt li qed jiskonta l-piena u; thassarha fejn għamlet ordni tat-trażżin fil-konfront tal-imputat għal żmien tliet (3) snin u dan li m'għandux javviċina lill-parti leża u l-familjari tiegħu; qed thassarha f'dik il-parti fejn kkundannat lill-imputat  għal  tlieta u għoxrin (23) xahar priġunerija u minflok qed tikkundannah għal tmintax-il xahar (18) priġunerija.